# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 614/2014 MH**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2021**

**Raymond Barbara (K.I. 265M), Carmel sive Charlie Barbara (K.I.215671M) u Rafela Barbara (K.I.347044M)**

**vs**

**Joseph Falzon (K.I. Nru 0350134M) u stante l-mewt tiegħu b'digriet tas-26 ta' Mejju 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem Angelo Pisani (K.I.821037M), Emanuel sive Leli Pisani (K.I. 40857M), Georgia Cilia (K.I. 829450M), Ġuża Scicluna (K.I. 288654M), Pawlu Cutajar (K.I.208853M) u Ġużi Cutajar (K.I.984747M), Celine Falzon (K.I.181678M) u Rita Falzon Gouder (K.I.152266M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tal-atturi tad-9 ta' Lulju 2014 li permezz tiegħu premettew –

*Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tagħhom Raymond Barbara [K.I. nru. 265(M)], Carmel sive Charlie Barbara [K.I. nru. 215671(M)], u Rafela Barbara [K.I. nru. 347044(M)]*

*jikkonfermaw* ***ILLI****:*

*Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*

1. *Kull wieħed u waħda mir-rikorrenti, għal numru ta' snin, għenu, wettqu servigi u għamlu spejjeż mal-intimat, u dan kif se jiġi muri aħjar waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat. L-istanti dejjem taw u komplew jirrendu servigi u jagħmlu spejjeż mal-intimat bl-isperanza u bl-aspettattiva tal-ħlas.*

2. *Għal madwar is-sena elfejn (2000), l-intimat avviċina lir-rikorrenti Raymond Barbara u għadda lilu s-somma ta' ħmistax-il elf lira (Lm15,000), illum ekwivalenti għal erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu* ***(€34,940.60)****, bħala parti mill-ħlas ta' kumpens dovut minnu lilu għall-istess servizzi, bil-kundizzjoni illi l-imgħaxijiet bankarji annwali derivanti mid-depożitu ta' dik is-somma, jiġu mħallsa lilu u għalhekk perċipiti mill-intimat. Inoltre, huwa wiegħed lil Raymond Barbara illi se jikkumpensah b'ħafna aktar għall-istess servizzi; madankollu, dan baqa' ma seħħx.*

3. *Għal madwar is-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998), l-intimat avviċina lir-rikorrenti Carmel sive Charlie Barbara u għadda lilu s-somma ta' tlettax-il elf lira (Lm13,000), illum ekwivalenti għal tletin elf, mitejn u wieħed u tmenin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu* ***(€30,281.85)****, bħala parti mill-ħlas ta' kumpens dovut minnu lilha għall-istess servizzi, bil-kundizzjoni illi l-imgħaxijiet bankarji annwali derivanti mid-depożitu ta' dik is-somma, jiġu mħallsa lilu u għalhekk perċipiti mill-intimat. Inoltre, huwa wiegħed lil Carmel sive Charles Barbara illi se jikkumpensah b'ħafna aktar għall-istess servizzi; madankollu, dan baqa' ma seħħx.*

4. *Fis-snin disgħin, l-intimat avviċina lir-rikorrenti Rafela Barbara u għadda lilha s-somma ta' sbatax-il elf lira (Lm17,000), illum ekwivalenti għal disgħa u tletin elf, ħames mija u disgħa u disgħin euro, u ħames u tletin ċenteżmu* ***(€39,599.35)****, bħala parti mill-ħlas ta' kumpens dovut minnu lill-*

*istanti għall-istess servizzi, bil-kundizzjoni illi l-imgħaxijiet bankarji annwali derivanti mid-depożitu ta' dik is-somma, jiġu mħallsa lilu u għalhekk perċipiti mill-intimat. Inoltre, huwa wiegħed lil Rafela Barbara illi se jikkumpensaha b'ħafna aktar għall-istess servizzi; madankollu, dan baqa' ma seħħx.*

5. *Permezz ta' ittra ġudizzjarja datata 9 t'April 2014 (1107/2014), l-intimat, b'sorpriża għar-rikorrenti, interpella lir-rikorrenti Raymond Barbara sabiex iroddlu lura s-somma ta' sitta u sebgħin elf, tmien mija, disgħa u sittin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€76,869,23). Permezz ta' ittra ġudizzjarja oħra, wkoll datata 9 t'April 2014 (1108/2014), ir-rikorrenti interpella lir-rikorrenti Carmel sive Charlie Barbara sabiex iroddlu lura s-somma ta' sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€46,587.41). Fis-16 ta' Ġunju 2014, huwa ippreżenta rikors ġuramentat (513/14AE) permezz ta' liema huwa qiegħed jitlob lil Raymond u Carmel sive Charlie Barbara iħallsuh is-somma komplessiva ta' mija tlieta u għoxrin elf euro, erbgħa mija u sitta u ħamsin euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€123,456.64), ir-risposta ġuramentata dwar liema qegħda tiġi preżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat.*

6. *Minkejja illi l-intimat ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-eventwali ħlas tal-kumpens għas-servigi mwettaq miegħu mir-rikorrenti tul is-snin, huwa baqa' inadempjenti.*

7. *Ir-rikorrenti Raymond Barbara (K.I. 265(M)), Carmel sive Charlie Barbara [K.I. nru. 215671(M)], u Rafela Barbara [K.I. nru. 347044(M)] jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raġuni tat-Talba*

1. *Għaldaqstant, kellha ssir din il-kawża.*

*Talbiet:*

***Jgħid għalhekk, l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:***

1. *Tiddikjara illi ir-rikorrenti Raymond Barbara wettaq servigi u għajnuna lill-intimat u għalhekk, jistħoqqlu l-ħlas ta' kumpens għal dak illi huwa għamel miegħu;*

2. *Tiddikjara illi ir-rikorrenti Carmel sive Charlie Barbara ukoll wettaq servigi u għajnuna lill-intimat u għalhekk, jistħoqqlu l-ħlas ta' kumpens għal dak illi huwa għamel miegħu;*

3. *Tiddikjara wkoll illi ir-rikorrenti Rafela Barbara wettqet servigi u għajnuna lill-intimat u għalhekk, jistħoqqilha l-ħlas ta' kumpens għal dak illi hija għamlet miegħu;*

4. *Tiddikjara u tikkonferma illi l-ammont ta' erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) imħallas lir-rikorrenti Raymond Barbara tħallas lilu bħala kumpens in parte għal servigi mwettqa minnu mal-intimat Joseph Falzon;*

5. *Tiddikjara u tikkonferma illi l-ammont ta' tletin elf, mitejn u wieħed u tmenin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€30,281.85) imħallas lir-rikorrenti Carmel sive Charlie Barbara tħallas lilu bħala kumpens in parte għal servigi mwettqa minnu mal-intimat Joseph Falzon;*

6. *Tiddikjara u tikkonferma illi l-ammont ta' disgħa u tletin elf, ħames mija u disgħa u disgħin euro, u ħames u tletin ċenteżmu (**€39,599.35)** imħallas lir-rikorrenti Rafela Barbara tħallas lilha bħala kumpens in parte għal servigi mwettqa minnha mal-intimat Joseph Falzon;*

7. *Tillikwida, jekk ikun hemm bżonn, bl-għajnuna ta' perit imqabbad, l-ammont xieraq illi jirrappreżenta l-bqija tal-ħlas lil Raymond Barbara ta' kumpens mistħoqq għal dawk is-servigi reżi;*

8. *Tillikwida, jekk ikun hemm bżonn, bl-għajnuna ta' perit imqabbad, l-ammont xieraq illi jirrappreżenta l-bqija tal-ħlas lil Carmel sive Charlie Barbara ta' kumpens mistħoqq għal dawk is-servigi reżi;*

9. *Tillikwida, jekk ikun hemm bżonn, bl-għajnuna ta' perit imqabbad, l-ammont xieraq illi jirrappreżenta l-bqija tal-ħlas lil Rafela Barbara ta' kumpens mistħoqq għal dawk is-servigi reżi;*

10. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti Raymond Barbara l-kumpens hekk likwidat;*

11. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti Carmel sive Charlie Barbara l-kumpens hekk likwidat.*

12. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti Rafela Barbara l-kumpens hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li jinsab minn issa inġunt għas-*subizzjoni*.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tal-14 ta' Novembru 2014**[1] permezz ta' liema ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*"Jesponi u jeccepixxi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma li s-segwenti jafhom personalment:*

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu huma ma rrendewx servigi lill-esponent li b'xi mod jaghtu lok ghal xi dritt ta' kumpens lir-rikorrenti u din l-azzjoni hija ntiza biss sabiex tikkontrasta kawza istitwita mill-esponent kontra r-rikorrenti ghajr ghal Rafela Barbara – Rikors Guramentat Numru 513/2014 AE fejn l-esponent qieghed jitlob li l-Qorti tikkundanna lil Raymond Barbara u Carmel sive Charlie Barbara jroddulu lura s-somma komplessiva ta' mija tlieta u ghoxrin elf erbgha mija sitta u hamsin Ewro u erbgha u sittin Ewro (€123,456.64);*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pagamenti maghmula lir-rikorrenti mill-intimat ma kienux dawk indikati fir-rikors guramentat izda*

[1] Fol 22 et seq

*fil-fatt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri c-cifri mhallsa kienu s-segwenti:*

i. *Raphaela Barbara - somma ekwivalenti ghal Lm17000 (sbatax il-elf lira Maltin).*

ii. *Raymond Barbara - somma ekwivalenti ghal Lm33,000 ((tlieta u tletin elf lira Maltin) ekwivalenti ghal sitta u sebghin elf tmien mija disgha u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezimu (€76869.23).*

iii. *Carmel sive Charlie Barbara - somma ekwivalenti ghal Lm20,000 (ghoxrin elf Maltin) ekwivalenti ghal sitta u erbghin elf hames mija sebgha u tmenin Ewro u wiehed u erbghin centezimu (€46587.41).*

*u dawn is-somom ma gewx imhallsa akkont ta' servigi rezi jew li kienu ghadhom iridu jigi rezi izda kienu flus l-esponent li gew depozitati f'kontijiet bankarji f'isem ir-rikorrenti bil-patt u l-kundizzjoni li meta jigi bzonn dawn il-flus, ir-rikorrenti kellhom jrodduhomlu lura u fil-frattemp sakemm huwa jitlob flus lura minghand ir-rikorrenti, dawn kellhom jghaddulu l-imghax li jkun iddekkorra fuq dawk il-flejjes depozitati, kif fil-fatt kienu jaghmlu r-rikorrenti sakemm ma nqalax l-inkwiet bejn il-partijiet u l-esponent kellu jiehu proceduri legali;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jittrattaw l-istess mertu, ai fini ta' ekonomija tal-gudizzju hemm lok li jkun hemm il-konnessjoni ta' din il-kawza mal-kawza fl-ismijiet Joseph Falzon v Raymond Barbara et ( Rik Gur. 513/2014 AE) stante li gudizzju f'wahda minn dawn il-kawzi necessarjament ser tinfluixxi fuq l-ezitu fil-kawza l-ohra;*

4. *Illi minghajr pregudizzju l-esponent ma ghandu jhallas xejn lir-rikorrenti u fil-fatt huma l-istess rikorrenti li ghandhom ihallsuh is-somma ta' mija*

*tlieta u ghoxrin elf erbgha mija sitta u hamsin Ewro u erbgha u sittin Ewro (€123,456.64) kif vantat minnu fil-kawza Joseph Falzon v Raymond Barbara et ( Rik Gur. 513/2014 AE);*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat is-sottomissjonijiet u semgħet it-trattazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Rat illi l-kawża odjerna hija konnessa mal-kawża Rik Ġur 513/14 fl-ismijiet *Joseph Falzon vs Raymond Barbara et* liema kawża fiha llum ukoll qed tingħata s-sentenza.**

**Ikkunsidrat:**

L-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni sabiex jitolbu lill-Qorti tiddikjara li flejjes mogħtija lilhom mill-konvenut - liema flejjes huwa qiegħed jitlob ir-rifużjoni tagħhom mingħand Raymond u Carmel Barbara fil-kawża konnessa Rik Ġur 513/14 – huma effettivament ħlasijiet *in parte* għal serviġi u għajnuna mogħtija minnhom lill-intimat. Huma qegħdin jitolbu wkoll ħlas ulterjuri li fil-fehma tagħhom għandu jirrappreżenta l-bqija tal-kumpens mistħoqq lilhom għas-serviġi msemmija.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jirribatti li dawn il-pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fi-dritt stante li l-atturi ma rrendewx serviġi li jagħtu lok għal xi dritt ta' kumpens. Anzi huwa jgħid li l-azzjoni odjerna mhi xejn ħlief reazzjoni tagħhom għall-pretensjonijiet iressqa minnu kontra Raymond u Carmel Barbara. Huwa jikkontesta wkoll il-*quantum* tal-ammont mogħti minnu lill-atturi Raymond u Carmel. Jgħid illi dawn il-flejjes ma tħallsux akkont ta' serviġi jew li kienu għadhom iridu jiġu reżi iżda kienu flusu li huwa ddepożita f'isem l-atturi sabiex meta jiġi bżonnhom huwa jeħodhom lura u fil-frattemp huma kellhom ituh l-imgħax li jakkumula fil-Bank.

Il-bażi tal-azzjoni tal-atturi hija pretensjoni għall-ħlas ta' serviġi resi lill-konvenut.

Ingħad hekk fir-rigward fil-każ **Jean Borg vs Christian Zammit deċiż fis-27 ta' Frar 2018** –

*"Il-ħlas għal serviġi mhuwiex fost dawk annoverati fl-Art 1233(1) tal-Kap 16 li jesiġi l-forma miktuba ad substantiam vel probationem.*

*Il-prestazzjoni ta` serviġi hija meqjusa bħala għamla ta` kważi-kuntratt.*

*Il-kważi-kuntratt huwa definit bl-Art 1012 tal-Kap 16 bħala "fatt leċitu u volontarju, li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

*Persuna li tippresta serviġi għandha dritt għal kumpens għar-raġuni li tkun qegħda tagħti vantaġġ lill-persuna li tkun qegħdha tirċievi dawk is-serviġi. Mal-medda tas-snin, il-qrati tagħna aġġustaw u aġġornaw il-mod kif jittrattaw is-serviġi u l-ħlas tagħhom.*

*Fil-kawża fl-ismijiet '**Giuseppina Deidun et vs Emila Poggi et**' deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta` Ottubru 1954 ingħad hekk:-*

*Il-kumpens għal serviġi prestati jista` jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta ċ-ċirkustanzi juru ċar illi min ippresta s-serviġi kellu l-intenzjoni li jitħallas għalihom. Il-prestazzjoni tas-serviġi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment. U fil-ġurisprudenza reċenti, anki għar-rigward tal-parenti, huwa applikabili l-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta` parentela. Jekk il-provi juru li, meta ġew prestati s-serviġi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jitħallas għalihom, ma hemmx lok għall-kumpens.*

*Dak li hu importanti li għandu jiġi eżaminat, biex wieħed jara għandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta ġew prestati s-serviġi; u ċirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joħolqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joħolqu.`*

*Kien ritenut illi meta kienu reżi s-serviġi ma kienx hemm ħsieb ta` ħlas għalihom u għalhekk il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħlas.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***'Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe'*** *li kienet deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta` Frar 1958 kien osservat illi :-*

*`Azzjoni għall-ħlas ta` kumpens għal serviġi reżi, skont il-kunsens unanimi tal-ġurisprudenza nostrali; hija bażata ġuridikament fuq il-kważi-kuntratt, u unanimement fuq il-preżunzjoni li min jassoġġetta ruħu biex jagħmel serviġi lil ħaddieħor jagħti dak l-istess xogħol bl-iskop li jitħallas, ammenokke` ma jkunx għamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda ħsieb li jkun kompensat, jew li jagħti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tiegħu "familiaritatis sew pietatis causa"; f` liema l-aħħar ipotesi, min jirreklama s-serviġi jrid ibiegħed minnu dik l-istess preżunzjoni, li jkollha aktar saħħa, sabiex ikollu suċċess fl-azzjoni li huwa*

*jintenta. Ċertament, l-intenzjoni tas-serventi li jitħallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta` importanza f`kawżi bħal dawn; kif ukoll mhux ta` min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-għaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita`, kemm mill-punto di vista tal-miżura tal-kumpens, dawn il-punti għandhom importanza. Hekk, per eżempju, fil-każ li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b`persuna li taf li hija fqira, il-preżunzjoni li dawk is-serviġi saru bil-fehma ta` ħlas ma treġix; u mill-banda l-oħra lanqas tista` tiġi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f`dak l-*

*istat finanzjarju. Jingħad ukoll li, jekk persuna li tiġi servuta tkun ta` fakoltajiet ekonomiċi ristretti, imma mhux tali li tkun indiġenti, huwa preżunt li tisserva b`persuna li tkun kuntenta b`retribuzzjoni moderata, u mhux ġa tali li tirrendiha ndiġenti.*

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 1935 fil-kawża '**Mifsud vs Briffa'** ingħad illi:*

*"... anki għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza tal-kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita`, sija pure minħabba relazzjonijiet ta` parentela".*

*Fis-sentenza li tat fil-25 ta` April 2002 fil-kawża '**Caruana vs Mallia'*** (Kollez. *Vol. LXXXVI.iii.174) din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet illi kull serviġi, ukoll mogħtijin lill-qraba ta` dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta` kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta` kumpens jew ħlas.*

*Fid-deċizjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fil-11 ta` Marzu 2017 fil-kawża fl-ismijiet 'George Olof Attard vs Bubbly Trading Limited et' ingħad hekk :-*

*That, from the strictly legal perspective, it is necessary to underline the following principles regulating the actions for compensation for services rendered such as the one hereby being considered:*

*It has been established that the action is founded on two elements:*

*the quasi-contract and the presumption that whoever renders services to third parties does so in the understanding that he will be paid. Apart from this, it has been longtime accepted that the compensation for services rendered is due not only `jure actionis`, that is, when it has been so agreed, but also `officio judicis, that is, when from the circumstances of the case it transpires that whosoever carried out those services did so with the intention of getting paid or that payment was promised to him. In order to determine if a person had the idea or expectation of getting paid, one should determine the moment at which such services were rendered, this given that supervening circumstances cannot serve to create retrospectively a right for payment contrary to the original intention of the parties." (Joseph Portelli et. v.Rik Limited decided by the Hon. First Hall Civil Court on the 16th December, 2003)*

*That in this case it is amply clear that, beyond the different versions offered by the parties, the plaintiff was definitely carrying out his services with the clear and declared intention even `a tempo vergine` of getting paid precisely through the sum claimed by him in this case….*

*It is clear that plaintiff did play an important if not instrumental role in the timely setting up of both companies and that the companies are still benefitting from the*

*services rendered by him. Hence, the Tribunal, having considered all of the above will proceed to accede to plaintiff`s claim… »*

*Fl-istat tal-ġurisprudenza tagħna kif inhi fil-preżent, hemm presunzjoni juris tantum li kwalunkwe serviġi reżi jkunu qegħdin jiġu reżi bl-isperanza ta` kumpens. Min jallega li s-serviġi saru b`xejn irid iġib provi tajbin biżżejjed biex iwaqqa` l-preżunzjoni li s-serviġi ngħataw bi ħsieb ta` ħlas.*

*Dwar il-quantum tas-serviġi, tajjeb jingħad illi huwa biss meta ma jkunx miftiehem speċifikament x`tip ta` kumpens ser ikun dovut illi l-Qorti tista` tillikwida tali kumpens arbitrio boni viri jew bl-assistenza ta` esperti (ara –* ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil*** *– PA - 28 ta` Mejju, 2003). Fin-nuqqas ta` ftehim espress dwar il-kumpens li għandu jitħallas, il-ġurisprudenza tagħna elenkat lista ta` fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta ssir il-likwidazzjoni :-*

*(i) il-grad ta` qrubija bejn min jaqdi u l-persuna megħjuna*

*(ii) il-frekwenza tas-serviġi*

*(iii) in-natura tas-serviġi*

*(iv) il-kedda, l-inkonvenjent jew it-tbatija biex ingħataw is-serviġi*

*(v) il-grad ta` ħila jew speċjalizzazzjoni li jkunu eserċitati fit-twettieq tas-serviġi*

*(vi) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna konċernata tkun inkorriet spejjeż jew infieq minn tagħha*

*(vii) il-mezzi tal-persuna li tkun ħadet vantaġġ mill-prestazzjonijiet.*

*(ara :* ***Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et*** *- 28 ta` April 2011 ; Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe et - 31 ta` Mejju 2002)*

*Fil-biċċa l-kbira tas-sentenzi, il-kumpens ma jammontax għal somom għoljin (minkejja l-aspettativi ta` l-persuni li jkunu pprestaw is-serviġi) peress illi s-servigi kważi dejjem jingħataw minħabba raġunijiet ta` parentela.*

*Fis-sentenza li tat fil-11 ta` Diċembru 2003 fil-kawża fl-ismijiet 'Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius' din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet:-*

*Dan qed jingħad għax, bħala regola ġenerali, il-kumpens mogħti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-benefiċċjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bżonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawża "***Zammit et vs Farrugia Sacco noe***" deċiża fit-28 ta` Ġunju, 1982.*

***Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Mejju 1989 fil-kawża 'Delicata vs Saliba' ingħad illi għax id-dritt għall-ħlas ta` serviġi huwa bbażat fuq kważi-kuntratt mhux fuq kuntratt, il-likwidazzjoni tal-quantum mhijiex relatata biss mal-prestazzjoni ut sic iżda trid titqies fil-kuntest ta` fatturi oħra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Għalhekk il-metodoloġija tal-kalkolu tal-kumpens qatt ma tkun tekwivali b`mod aritmetiku il-valur tax-xogħol li jkun sar.***

*F`sentenza aktar reċenti li tat fit-2 ta` Mejju 2016 fil-kawża '***Francis Mizzi et vs Roseann Galea et'*** il-Qorti tal-Appell, wara li qieset illi kienu prestati serviġi estensivi minn żewġ persuni b`mod kontinwu lil persuna li kienet bed-ridden akkordat l-ammont ta` €70 fil-ġimgħa għal kull waħda miż-żewġ persuni.*

*Sentenza oħra rilevanti kienet dik mogħtija fid-9 ta` Marzu 2017 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet '***Bartolomeo Zarb vs Luigia Borg***'. It-talba prinċipali kienet sabiex ikun dikjarat li l-attur ippresta serviġi lill-konvenuta billi ħa ħsieb il-manutenzjoni ta` fond. Minn naħa tagħha l-konvenuta ċaħdet li l-attur għandu xi jedd għall-ħlas ta` serviġi.*

*Il-Qorti għamlet dawn ir-rilievi :-*

*L-intenzjoni tal-gratwità u rinunzja għall-kumpens għas-serviġi m`għandhomx jiġu akkolti faċilment (ara* ***Carmel Debono et vs Rosaria Debono*** *deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta` Mejju 2007). Fil-kawża tal-lum, din il-Qorti ma jidhirlix li jirriżultaw fatti u ċirkostanzi li juru b`mod konklussiv li ma kienx hemm il-hsieb da parti tal-attur li jitħallas għal kwalunkwe serviġi reżi minnu.*

……

*Dwar il-kumpens dovut għal serviġi reżi, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius*** *tal-11 ta` Diċembru 2003 irriteniet illi:*

*"Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawża, "****Vassallo vs Aquilina****", deċiża fid-29 ta` Ġunju, 1982, qalet li wieħed għandu jżomm f`moħħu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta` l-attur ma' l-konvenut. Konsiderazzjonijiet oħra li ġieli ġew konsidrati mill-Qorti tagħna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess saħtu biex jaqdi lill-ħaddieħor, jekk humiex affarijiet li mhux kulħadd kapaċi jidħol għalihom, bħal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. ħasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjeż li tagħhom ma jkunx ġie rimborsat fil-mument tal-ħruġ tagħhom."*

*Ingħad ukoll fl-istess sentenza:*

*"Dan qed jingħad għax, bħala regola ġenerali, l-kumpens mogħti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-benefiċċjarja tkun marida jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bżonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f`dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawża "****Zammit et vs Farrugia Sacco noe****" deċiża fit-28 ta` Ġunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawża "****Buhagiar noe vs Mifsud noe****", deċiża*

*minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983, għaż-żmien meta s-serviġi kien ta` natura ordinarja u l-attriċi kienet tmur tlett darbiet fil-ġimgħa għand id-decuis u tagħmilha l-faċendi kollha tad-dar, il-kumpens mogħti kien ta` LM 1 fil-gimgħa, fil-waqt li għas-snin ta` wara, meta d-de cuius kienet ta` sikwit timrad u kienet tmur tgħix għand l-attriċi peress li kellha bżonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens mogħti kien ta` LM3 fil-ġimgħa.*

*Fil-fatt, minn studju tal-ġurisprudenza lokali, wieħed jista` jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f`ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jingħataw kważi dejjem minħabba raġunijiet ta` parentela bejn il-partijiet, u anke għaliex it-talba ghal-hlas ta` servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "***Delicata vs Saliba***", deċiża fit-22 ta` Mejju, 1989, hi bażata fuq kważi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nħoloq bejn minn jirrendi s-serviġi u l-benefiċċjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi, iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-serviġi resi u l-ħlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xogħol li sar, iżda adegwat meħud kont taċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ. Hekk, fil-kawża "***Agius vs Galea***", ġia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-istat soċjali u ekonomiku tal-benefiċċjarju..."*

*Il-Qorti żżid ma dan kollu li għandu jiġi kkunsidrat ukoll ai fini ta` kumpens il-benefiċċju jew kumpens diġà ġodut mill-persuna li tkun ipprestat is-servġi. F`dan il-każ hemm qbil bejn il-partijiet illi lill-attur il-konvenuta kienet ġieli tgħaddilu xi ħaġa tal-flus kif ukoll illi l-attur kien ħa għaliħ xi għamara mill-proprjetà tagħha.*

*Il-Qorti tqis illi bħala xogħol li allegatament kien jagħmel fid-dar tal-konvenuta, l-attur isemmi li kien jiknes il-bjut u btieħi u jnaddaf. Huwa jżid jgħid illi kien jagħmel manutenzjoni fil-bejt kif ukoll jixtri materjal bħal cement*

*sabiex ikaħħal meta jkun hemm il-bżonn, għal liema materjal qatt ma tħallas. Il-Qorti tosserva li l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar kemm kien allegatament jonfoq f`materjal, kif lanqas ma ressaq imqar xhud wieħed sabiex jissostanzja l-verzjoni tiegħu… Kien jispetta lill-attur li jressaq prova ċara dwar il-frekwenza u natura vera tas-serviġi li rrenda lill-konvenuta u mhux jistrieħ fuq stqarrijiet ġenerici da parti tiegħu dwar ix-xogħol li allegatament kien jagħmel fid-dar tagħha. Mill-ftit provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li kwalunkwe serviġi li ġew reżi mill-attur f`dan il-każ ma kinux ta` natura wisq impenjattiva. Il-Qrati tagħna jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-benefiċċjarju jkun totalment dipendenti fuq persuna oħra anke għall-affarijiet iżjed intimi iżda ċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum m`humiex hekk.*

.....

*Kollox ma kollox, u fin-nuqqas ta` prova oġġettiva u konklussiva sabiex jiġi stabbilit il-vera natura tas-serviġi reżi mill-attur favur il-konvenuta, il-Qorti hija tal-fehma li għal kwalunkwe serviġi li rrenda l-attur lill-konvenuta, huwa ġie adegwatament kompensat bil-flus li kienet tgħaddilu kif ukoll bl-għamara li huwa stess jgħid illi ħa mid-dar tagħha u għaldaqstant, m`huwiex dovut lill-attur ebda kumpens iehor. »*

*Fid-deċiżjoni li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta` Gunju 2016 fil-kawża fl-ismijiet 'Kim Wright Vs Jacqueline Farrugia' ingħad hekk :-*

*"Fis-sentenza* **Giuseppe Borg et vs. Emanuel Azzopardi***, deċiża fid-19 ta` Mejju 2005, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk :*

*"Illi dwar il-pretensjoni tal-imħarrek għall-kumpens jew ħlas ta` servizzi mogħtija jeħtieġ li l-kwestjoni titqies b`reqqa akbar. Huwa stabilit li l-bażi ta` azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li*

*jitħallas ta` dak li jagħmel. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta` serviġi jista` jkun dovut mhux biss jure actionis, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies ilwaqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b`lura dritt ta` fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu;*

*Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m`hijiex ta` xkiel għal sejbien ta` responsabblita` għall-ħlas ta` serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x`kienet tassew il-fehma kemm ta` min ta s-servizz u, wisq aktar, ta` min tahom."*

Fl-isfond ta' dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, li l-Qorti tagħmilhom tagħha, ser jiġu evalwati t-talbiet tal-atturi.

**Fl-ewwel tlett talbiet tagħhom** l-atturi jikkontendu li kull wieħed minnhom wettaq serviġi u għajnuna lill-konvenut li għalihom jistħoqqilhom kumpens.

**Il-Qorti tissottolinea in primis li, a skans ta' ripetizzjoni, l-kunsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet kollha tas-sentenza mogħtija llum fil-kawża konnessa Rik Ġur 513/14 Joseph Falzon vs Raymond Barbara et għandhom jitqiesu li jiffurmaw parti ntegrali u jgħoddu għall-kawża odjerna.**

F'dik is-sentenza ġie pruvat ampjament li l-konvenuti f'dawk il-proċeduri, Raymond u Carmel Barbara wettqu serviġi u għajnuniet lill-konvenut għall-ħafna snin u in kwantu, kif irriżulta wkoll mill-provi, huma qatt ma rrinunzjaw għad-

dritt tagħhom li jirċievu kumpens għal dak li għamlu mal-konvenut, il-Qorti tqis li huma intitolati għal ħlas skont il-liġi.

**L-ewwel żewġ talbiet tal-atturi sejrin għalhekk jiġu milqugħa.**

Fir-rigward tal-attriċi Rafela Barbara, b'żieda ma' dak li diġa' ngħad fis-sentenza konnessa Rik Ġur 513/14, il-Qorti tosserva li fix-xhieda tagħha stess l-attriċi tat rendikont dettaljat tas-serviġi li kienet wettqet kemm mal-attur, li jiġi zijuha, kif ukoll man-nanniet tagħha li jiġu l-ġenituri tal-konvenut[2]. Hija qalet li trabbiet u kibret għand in-nanniet fejn kien ukoll jgħix il-konvenut. F'żogħżitha kienet tgħin lin-nanniet f'dak li kien ikun hemm bżonn bħal tisjir, bejgħ tal-bajd u ħaxix, u anke ħasil ta' ħwejjeġ (Peress il-konvenut kien jaħdem, l-ewwel fil-ġebel u mbagħad beda jbiegħ il-ħaxix). Meta l-konvenut beda jbiegħ il-ħaxix, il-fniek u t-tiġieġ, l-attriċi u wliedha l-atturi l-oħra kienu jgħinuh fil-bejgħ tal-ħaxix kuljum u jnittfu t-tiġieġ (circa mitejn) kull nhar ta' Ġimgħa. Din l-għajnuna kienet tingħata kuljum mis-sitta u nofs sat-tmienja u nofs ta' filgħodu, imbagħad kienet tmur taħsel lin-nanna u xi l-erbgħa ta' wara nofsinhar kienet terġa tmur tgħinu sakemm jagħlaq. Il-konvenut dam għaxar snin  ibiegħ il-ħaxix, circa mill-1983 sal-1993. Sadanittant meta fl-1980 l-attur kien mar jgħix fid-dar tal-Fgura, l-attriċi kienet mhux biss tgħinu fil-ħaxix talli kienet ukoll tnaddaf fid-dar, issajjar u taħsel il-ħwejjeġ. Ġieli kienet issajjarlu hemmhekk stess u ġieli kienet issajjarlu minn darha u teħodlu l-ikel. Il-ħasil tal-ħwejjeġ kienet tagħmlu b'idejha peress li ma kellhomx *washing machine*.

Għal madwar għaxar snin l-attriċi, peress li kienet waqgħet, għat-tindif kienet tieħu magħha ċerta Denise Spiteri biex tgħinha u mbagħad l-istess Rafela kienet tħallasha hi minn butha. Xehdet ukoll Denise Spiteri fil-kawża li kkonfermat dan

[2] Fol 404 et seq

kollu. Spiteri kienet tmur magħha kull ġimgħa għal circa sagħtejn u nofs jew tlett sigħat.

Għal kull buon fini jingħad ukoll li x-xhieda Rita Falzon[3] u Emanuel Cutajar[4] (it-tnejn li huma neputijiet tal-konvenut), xehdu li meta marad il-konvenut kienu aktar bdew jieħdu ħsiebu huma peress li partikolarment mal-atturi Raymond u Carmel huwa ma kienx għadu f'relazzjoni tajba. Qalu wkoll li meta marru biex inaddfu l-ewwel darba għandu sabu ħafna ħmieġ. Issa l-Qorti tikkonċedi li f'dik l-epoka l-attriċi Rafela kienet diġa' mara ta' ċerta eta' u kwindi huwa probabbli li f'dak l-istadju ma setgħetx tibqa' tnaddaf bħal qabel madankollu l-Qorti ma tqisx li dan l-espisodju għandu b'xi mod jiddiskredita l-għajnuna li l-attriċi Rafela tat lill-istess konvenut matul tant snin. Infatti f'ebda ħin il-konvenut ma lmenta dwar il-kwalita' ta' servizz mogħti mill-attriċi Rafela matul tant snin.

Anzi l-konvenut Falzon stess fix-xhieda tiegħu irrikonoxxa li l-attriċi rrendietlu serviġi u għajnuniet għal bosta żmien u stqarr ukoll li l-flejjes li taha la fittixha għalihom u lanqas kien beħsiebu jfittixha għalihom għax hi kienet daret bih u hu qatt ma kien ħallasha[5]. Oltre din l-għotja ta' flus, il-konvenut, bħala kumpens ulterjuri għas-serviġi mogħtija mill-attriċi, kien oriġinarjament ħallielha prelegat f'testmenti magħmula minnu, liema testmenti ġew sussegwentement imħassra mill-istess konvenut u esibiti in atti –

- **Testment tat-8 t'Awissu 1993**[6] li fih huwa kien ħalla b'titolu ta' prelegat in piena proprjeta' wara mewtu u bis-sostituzzjoni għal uliedha il-fond ġewwa Cospicua Road, il-Fgura flimkien mal-garaxx sottopost għalih, soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu li jiggrava fuqhom flimkien mal-oġġetti kollha mobili, mobilja u dak kollu li jkun jeżisti ġo fihom mill-

[3] Fol 159 et seq
[4] Fol 170 et seq
[5] Fol 32 et seq
[6] Fol 494 et seq

għatba l-ġewwa *'a limine intus'* kollox inkluż li jkollu dakinhar ta' mewtu esklużi biss minn dan il-prelegat il-kotba tal-Bank u dokumenti oħra rappreżentanti flus.

Il-konvenut iddikjara espressament f'dan it-testment li huwa kien qed iħalli dak il-prelegat lill-attriċi bħala kumpens tas-serviġi li hija rrendiet lilu u lil-ġenituri tiegħu għal dawk l-aħħar tletin sena;

- **Testment tas-27 t'April 1998[7],** li ħassar kwalunkwe testment minnu magħmul qabel u li fih għal darb'oħra reġa ħalla l-legat imsemmi fit-testment preċedenti lill-attriċi u bl-istess dikjarazzjoni dwar is-serviġi minnha mogħtija.

Jiġi osservat pero' li sussegwentement il-konvenut kien biddel fehmtu u fl-aħħar testment tiegħu datat 27 ta' Mejju 2014, fejn għal darb'oħra huwa rrevoka kull testment li kellu qabel, ħalla l-prelegat tal-fond imsemmi lill-konvenuti li l-atti ġew trasfużi f'isimhom wara mewtu u ddikjara biss għal kull buon fini li kien ta b'donazzjoni lill-attriċi odjerna Rafela Barbara is-somma ta' €39,600.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti, l-Qorti hija sodisfatta li t-**tielet talba tal-atturi hija ġustifikata** in kwantu ġie muri sal-grad rikjest mill-liġi li Rafela Barbara timmerita ħlas ta' kumpens għal dak li għamlet mal-konvenut.

**Ir-raba' talba tal-atturi** hija sabiex il-Qorti tiddikjara li s-somma ta' €34,940.60 li l-attur Raymond Barbara irċieva mingħand il-konvenut Joseph Falzon tirrappreżenta kumpens *in parte* għal serviġi mwettqa minnu mal-istess konvenut.

Fis-sentenza konnessa Rik Ġur Nru 513/14 l-Qorti diġa' kkonkludiet li din is-somma flus kienet ingħatat mill-konvenut lill-attur odjern għas-serviġi u

[7] Fol 497 et seq

għajnuna li dan ta' l-aħħar kien għamel miegħu. U għalhekk dik il-konklużjoni tgħodd ukoll għall-fini ta' din it-talba.

Raymond Barbara qiegħed jitlob kumpens għal 41 sena, mill-1974 sal-2015, oltre għas-somma ġia approvata minn din il-Qorti kif suriferut.

Il-Qorti tinnota li kif anke jirriżulta mill-affidavit tiegħu fl-1974 dan l-attur kien għadu biss tifel ta' biss 9 snin, u kwindi għas-snin tat-tfulija li huwa għamel mal-konvenut, anke jekk tah xi għajnuniet ta' tifel li kien, ma jistax jingħad li huwa intitolat għal xi serviġi għal finijiet u effetti tal-liġi.

Irriżulta mill-provi pero' li s-somma ta' €34,940.60 ingħatat lil dan l-attur f'Diċembru 1995 u li, kif ingħad, il-Qorti tqis li ngħatat bħala rikonoxximent minn Falzon għas-serviġi li l-istess attur kien għamel miegħu fis-snin ta' qabel.

Pero' kif diġa' irriżulta mill-provi l-attur Raymond Barbara baqa' jippresta s-serviġi u għajnuniet tiegħu lill-konvenut għal bosta snin wara l-1995 anke wara li kien iżżewweġ u dan almenu sal-2014 meta l-konvenut kien xellifha miegħu u keċċieh. Għalkemm l-attur jallega li huwa xorta baqa' jieħu ħsieb lill-konvenut sakemm miet f'Jannar 2015 il-provi wrew invece li f'dik l-epoka kienu daħlu fix-xena qraba oħra li bdew jieħdu ħsiebu partikolarment Emanuel Cutajar li kien anke beda jgħix mal-istess konvenut biex jieħu ħsiebu. Il-konvenut ma ġabx prova konkreta li turi li anke wara l-2014 huwa kien baqa' jippresta serviġi lill-konvenut tali li jimmerita li jiġi kumpensat għalihom skont il-liġi.

Għalhekk għall-Qorti fil-perjodu mill-1996 sal-2014 l-attur Raymond Barbara wettaq serviġi u għajnuniet mal-konvenut Falzon li għalihom għadu ma tħallasx u b'hekk **ir-raba' talba tal-atturi sejra tintlaqa'** stante li s-somma ta' €34,940.60 ma tkoprix dan il-perjodu wkoll u għandha tiġi meqjusa bħala ħlas in parte għal tali serviġi.

**Il-ħames talba tal-atturi** hija sabiex il-Qorti tiddikjara li s-somma ta' €30,281.85 li l-attur Carmel Barbara irċieva mingħand il-konvenut Joseph Falzon tirrappreżenta kumpens *in parte* għal serviġi mwettqa minnu mal-istess konvenut.

Kif diġa' ngħad fir-rigward tat-talba preċedenti, fis-sentenza konnessa Rik Ġur Nru 513/14 l-Qorti diġa' kkonkludiet li din is-somma flus kienet ingħatat mill-konvenut lill-attur odjern għas-serviġi u għajnuna li dan ta' l-aħħar kien għamel miegħu. U għalhekk dik il-konklużjoni tgħodd ukoll għall-fini ta' din it-talba.

Carmel Barbara qiegħed jitlob kumpens għal 39 sena, mill-1976 sal-2015.

Mill-affidavit ta' Carmel Barbara jirriżulta li fl-1976 huwa kien għad kellu biss sitt snin u kull ma kien jagħmel fi tfulitu kien li jmur m'ommu meta din kienet tmur għand Falzon biex tgħinu fid-dar u l-bejgħ tal-ħaxix. Żgur għalhekk ma tistax tiġi milqugħa l-pretensjoni tal-atturi għall-ħlas ta' serviġi sa mill-1976. Fi kwalunkwe każ pero' rriżulta mill-provi li s-somma ta' €30,281.85 ingħatat lil dan l-attur fil-bidu tas-snin disgħin u li, kif ingħad, il-Qorti tqis li ngħatat bħala rikonoxximent minn Falzon għas-serviġi li l-istess attur kien għamel miegħu fis-snin ta' qabel.

Pero' kif diġa' irriżulta mill-provi l-attur Carmel Barbara baqa' jippresta s-serviġi u għajnuniet tiegħu lill-konvenut għal bosta snin wara, anke wara li kien iżżewweġ u dan almenu sal-2013 meta l-konvenut kien xellifha miegħu u keċċieh.

Għalhekk għall-Qorti l-attur Carmel Barbara wettaq serviġi u għajnuniet mal-konvenut Falzon li għalihom għadu ma tħallasx u b'hekk **il-ħames talba tal-atturi sejra tintlaqa'** stante li s-somma ta' €30,281.85 għandha tiġi meqjusa biss bħala ħlas *in parte* għal tali serviġi.

**Is-sitt talba tal-atturi** hija sabiex il-Qorti tiddikjara li l-ammont ta' €39,599.35 mogħti lil Rafela Barbara mill-konvenut jirrappreżenta kumpens *in parte* għal serviġi mwettqa minnha mal-konvenut.

L-attriċi qegħda titlob kumpens għal 52 sena serviġi, mill-1963 sal-2015.

Hemm ammissjoni da parti tal-konvenut dwar (i) il-quantum tas-somma mogħtija lill-attriċi kemm fir-risposta ġuramentata tiegħu fil-kawża, fix-xhieda tiegħu u anke fl-aħħar testment tiegħu; u (ii) il-fatt li dan l-ammont ingħatalha bħala rikonoxximent għas-serviġi u għajnuna li hija tatu.

Għalkemm ma kienx possibbli għall-Qorti tidentifika mill-atti data preċiża meta saret din l-għotja l-provi ndikaw li din seħħet fil-bidu tas-snin disgħin (circa 1993[8]) u ma nġiebet ebda prova kuntrarja għal dan. Il-Qorti għalhekk tqis li s-somma li taha l-konvenut f'dak il-perjodu kienet intiża li tirrappreżenta kumpens għal serviġi u għajnuniet reżi sa dak il-perjodu (l-attriċi kienet aċċettat din is-somma. L-imgħaxijiet kif ingħad diġa' kienet ittihom lil Falzon għajr l-aħħar tlett snin qabel ma miet meta kien qalilha biex iżżommhom[9]).

Irriżulta pależement mill-atti li l-attriċi baqgħet tirrendi dawn is-serviġi lill-kovenut għal ħafna snin wara u dan sal-2014 meta kif xehdet hija stess, kienet marret għand il-konvenut u Emanuel Cutajar, in-neputi tal-istess konvenut, li kien qiegħed jorqod miegħu f'dik l-epoka qalilha *"issa inti xiħa. Żmienek għamiltu. Tiġix iżjed[10]."*

Żgur għalhekk li l-attriċi timmerita kumpens għal serviġi reżi minnha għall perjodu wara circa l-1993 sal-2014. Jiġi nnutat ukoll li evidentement il-konvenut stess kien irrikonoxxa li oltre l-għotja ta' flus, l-attriċi kien jistħoqqilha li tingħata kumpens akbar tant li kemm fit-testmenti tal-1993 u tal-1998, anke jekk

[8] Fol 422
[9] Fol 427
[10] Fol 417-418

sussegwentement dawn kienu ġew imħassra, huwa kien ħallilha bi prelegat, bis-sostituzzjoni għal uliedha Raymond u Carmel, il-fond u l-garaxx tal-Fgura. Il-Qorti mhux se tidħol fir-raguni għala saret il biddla testamentarja pero jibqa sinnifikanti għalija dak li kien l-animu tat-testaur  versu l-attriċi meta kien għadu ħbieb sew magħha.

B'hekk l-atturi rnexxielhom juru li wara l-għotja tal-1993 (circa), l-attriċi baqgħet tippresta serviġi sal-2014 u kwindi għandu jiġi meqjus li s-somma mogħtija lilha s'issa mill-konvenut tirrapreżenta biss kumpens ***in parte*** għal dak dovut lilha.

**Għalhekk is-sitt talba sejra tiġi milqugħa.**

**Il-bqija tat-talbiet tal-atturi** huma dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tal-kumpens rimanenti lil kull wieħed minnhom fir-rigward tas-serviġi reżi.

Kif diġa' aċċennat fil-ġurisprudenza suesposta, l-Qorti trid tevalwa diversi kriterji sabiex tasal għal tali likwidazzjoni primarjament -

1.il-mezzi ta' min irċieva s-serviġi

2.il-parentela ta' bejn min irrenda u min ircieva s-serviġi

3.il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi

4. L-inkonvenjent jew it-tbatija biex ġew reżi dawn is-serviġi

5. Il-grad ta` ħila jew speċjalizzazzjoni li jkunu eserċitati fit-twettieq tas-serviġi

6. Jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna konċernata tkun inkorriet spejjeż jew infieq minn tagħha

Tenut kont tal-parentela bejn il-kontendenti, dawn il-kriterji jridu jiġu analizzati fil-kuntest tal-prinċipju li fiċ-ċirkustanzi, l-kumpens m'għandux ikun f'ammonti

kbar u b'hekk il-kumpens li sejjer jiġi likwidat ma jistax jitqies li jkun ekwivalenti għas-servizzi u għajnuniet li saru minn kull wieħed mill-atturi.

Għal dawk li huma l-mezzi tal-konvenut, l-atturi ma ġabux prova konkreta dwarhom. Issemma li huwa kellu introjtu prinċipalment mill-bejgħ ta' ħaxix, tiġieġ u fniek pero' dettalji konkreti fir-rigward ma nġibux.

Dwar il-kriterji rimanenti l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' kull wieħed mill-atturi –

a. **Rafela Barbara**: Għar-raġunijiet imsemmija fis-suespost il-kumpens rimanenti għal serviġi reż minnha għandu jiġi kalkulat fuq perjodu ta' circa wieħed u għoxrin sena (bejn l-1993 u l-2014). Għalkemm hija kienet tgħin lill-konvenut fil-bejgħ tal-ħaxix eċċ kuljum għal numru ta' siegħat ġjaladarba l-konvenut kien żarma mill-bejgħ ta' ħaxix u tjur circa fl-1993 li huwa l-perjodu qrib meta hija ngħatat ukoll is-Lm17,000 mingħand l-istess konvenut, il-Qorti mhijiex sejra tieħu dawn is-serviġi in konsiderazzjoni għal fini ta' komputazzjoni.

Fir-rigward tat-tindif irriżulta li l-attriċi kienet tmur circa darba f'ġimgħa biex tnaddaf il-dar tal-konvenut u peress li circa fis-sena 2004 qalet li kienet waqgħet għamlet madwar għaxar snin tieħu lil terza persuna biex tgħinha fit-tindif u tħallasha minn butha.

Apparti dan baqgħet issajjarlu matul dawn is-snin, u dan ċertament b'ammont ta' nkonvenjent u skariġġ peress li mbagħad jew hi jew uliedha kienu jridu jieħdu l-ikel lill-konvenut.

Intwera li kienet ukoll taħsillu l-ħwejjeġ u dan kienet tagħmlu wkoll b'ċerta tbatija għax il-konvenut ma kellux *washing machine* u allura kollox kellha taħsel b'idejha.

**Il-Qorti tqis li l-attriċi Rafela Barbara fiċ-ċirkustanzi jistħoqqilha kumpens ta' €1300 fis-sena biex ikopru l-bqija tal-kumpens dovut lilha. Is-somma li għandha tiġi likwidata a favur tagħha tammonta għal hekk għal €27,300.**

**b. Raymond Barbara:** Għar-raġunijiet imsemmija fis-suespost il-kumpens rimanenti għal serviġi reż minn dan l-attur għandu jiġi kalkulat fuq perjodu ta' circa tmintax -il sena (bejn l-1996 u l-2014). Peress li dan l-attur iżżewweġ qabel dan il-perjodu appena msemmi, l-Qorti tqis li għall-irqad li għamel kuljum għand il-konvenut għall-perjodu kollu preċedenti kif ukoll għall-għajnuna fil-bejgħ tal-ħaxix u tjur huwa diġa kkumpensat bis-somma ta' €34,940.60 li kienet diġa' ngħatatlu mill-istes konvenut.

Il-Qorti tosserva li fil-perjodu li għalih ser jingħata l-bqija tal-kumpens lil dan l-attur, huwa anke wara ż-żwieġ baqa' jgħin lill-konvenut fit-trobbija tal-fniek u kien anke jixtrilu l-ġwież[11]. Ma rriżultax ċar mill-provi jekk il-konvenut kienx jirrimborsah jew le tal-ġwież. L-attur kien ukoll iwassal lill-konvenut fejn ikollu bżonn inkluż appuntamenti l-isptar u jeħodlu l-ikel imsajjar minn ommu u mbagħad jerġa' jieħu l-borom lura għand ommu.

Għalkemm dawn is-serviġi ma jistgħux jiġu meqjusa bħala ta' tbatija ċertament kienu ta' nkonvenjent u skariġġ għall-attur u naturalment kienu jsiru b'mod regolari. Inevitabilment l-attur kellu wkoll jagħmel spejjeż ta' petrol biex iwassal lill-konvenut fejn kellu bżonn. Dan apparti l-ħin li kien ikollu jistenna mal-konvenut meta speċjalment kien iwasslu għal appuntamenti l-isptar.

**Il-Qorti tqis li l-attur Raymond Barbara fiċ-ċirkustanzi jistħoqqlu kumpens ta' €500 fis-sena biex ikopru l-bqija tal-kumpens dovut lilu. Is-somma li għandha tiġi likwidata a favur tiegħu tammonta għalhekk għal €9,000.**

---

[11] Fol 547

**ċ. Carmel Barbara:** Il-Qorti ma kinitx f'qagħda li testabilixxi eżatt meta ingħatat is-somma flus bħala ħlas in parte għas-serviġi resi. Huwa jsemmi biss il-perjodu tal-bidu tas-snin disgħin. Il-Qorti għalhekk sejra tikkalkula li din is-somma ngħatat bejn wieħed u ieħor fl-istess perjodu li l-konvenut ta s-somma lil ħuħ Raymond u għalhekk il-kumpens rimanenti għal serviġi reż minn dan l-attur għandu jiġi kalkulat fuq perjodu ta' circa sbatax -il sena (bejn l-1996 u l-2013). Għaldaqstant il-perjodu li dan l-attur raqad mal-konvenut qabel din id-data tal-1996 kif ukoll kif ukoll il-perjodu li fih għen lill-konvenut fil-bejgħ tal-ħaxix u tjur huwa meqjus li diġa' ngħata kumpens għalih bis-somma ta' €30,281.85 li kienet ingħatatlu mill-istess konvenut.

Intwera li dan l-attur dam jorqod mal-konvenut mill-1990 sal-2004 meta żżewweġ huwa wkoll u għalhekk għall-fini tal-kalkolu preżenti għandu jiġi meqjus perjodu ta' tmien snin. Ċertament li għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-fatt li dan il-ġest tal-attur mhux biss kien ta' skariġġ imma wkoll kien perjodu li fih huwa ċċaħħad milli jorqod ma' familtu biex qagħad mal-konvenut.

Dan l-attur kien ukoll baqa' jaqdi lill-konvenut fi ħtiġijiet tiegħu ta' kuljum.

Irriżulta wkoll b'mod mhux kontradett mill-provi li fl-2007 dan l-attur xtara minn butu televixin għall-użu tal-konvenut. L-irċevuta turi l-prezz ta' €680[12]. Issemma wkoll ix-xiri ta' *air conditioner* pero' ma ntweriex mill-provi kemm jiswa.

Carmel Barbara kien ukoll iħallas huwa l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kemm tal-fond fil-Fgura kif ukoll tal-garaxx tal-konvenut li fih dan l-attur kien jagħmel xogħol ta' spray ta' karozzi. Pero' rriżulta wkoll li l-konvenut ma kienx jitolbu

[12] Fol 444

flus tal-kera tal-garaxx fis-snin li dam jużah u kwindi fil-fehma tal-Qorti azzjoni waħda tpatti għal oħra u f'dan ir-rigward l-attur m'għandux jiġi kumpensat.

**Il-Qorti tqis li l-attur Carmel Barbara fiċ-ċirkustanzi jistħoqqlu l-ħlas tal-prezz li ħallas għat-televixin tal-konvenut fis-somma ta' €680 kif ukoll kumpens ta' €500 fis-sena (total ta' €8500) biex ikopru l-bqija tal-kumpens dovut lilu. Is-somma globali li għandha tiġi likwidata a favur tiegħu tammonta għalhekk għal €9,180.**

Isegwi li l-bqija tat-talbiet tal-atturi sejrin jintlaqgħu kif appena deċiż.

Għall-istess raġunijiet sejrin jiġu respinti l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għajr it-tielet waħda li ormai ġiet sorvolata peress li l-kawżi ġew effettivament konnessi u nstemgħu kontestwalment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża kif ġej -**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

**2. Tilqa' l-ewwel sitt talbiet tal-atturi kif dedotti;**

**3. Tilqa' wkoll il-bqija tat-talbiet tal-atturi b'dana li tillikwida s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u tlett mitt Ewro (€27,300) a favur l-attriċi Rafela Barbara, is-somma ta' disat elef Ewro (€9,000) a favur l-attur Raymond Barbara u s-somma ta' disat elef mija u tmenin Ewro (€9,180) u dawn il-flejjes sabiex jirrappreżentaw il-bqija tal-ħlas lil kull wieħed mill-atturi għas-serviġi reżi lill-konvut;**

**4. Tikkundanna lill-eredi tal-konvenut li l-atti ġew trasfużi f'isimhom stante l-mewt tal-istess konvenut sabiex iħallsu dawn l-ammonti hekk kif ordnat.**

**5. L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu a karigu tal-istess eredi tal-konvenut li jinsabu fil-kawża.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**